MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 9/2001/1

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**vs**

**Michael Ellul**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Ottubru, 2001 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn waqqaf il-hlas tal-ghajnuna ghal dizimpieg li kien qed ihallas lill-appellant peress li sostna li ma hux sodisfatt li qed jabita fl-indiriz moghti lid-dipartiment u dan wara li zewg spetturi tad-dipartiment ghamlu spezzjoni fl-1 ta' Novembru 2000 f'Antoine Garage, Sqaq l-Istalel, Marsa

fil-5.45 a.m. u sabu li l-indirizz moghti mill-appellant huwa stalla u m'ghandha l-ebda facilitajiet sanitarji.

Fl-ewwel seduta quddiem l-Arbitru l-appellat spjega illi "*fil-Garage fejn qed joqghod, habib tieghu Karmnu Buttigieg selfu dan il-Garage minghajr kera peress illi hu jghix bir-relief u fil-post fejn kien joqghod qabel, kellu Lm40 kera fis-sena, f'liema post u cioe` 5, Sqaq Nru. 10, Qormi huwa kien jghix wahdu*". Fis-seduta sussegwenti tad-9 ta' April 2001 l-appellant informa lill-Arbitru "*illi gimgha ilu huwa mar joqghod go post li huwa kera gewwa Hal Qormi minghand Brian Zammit bil-kera ta' Lm50 fis-sena, liema kera sal-lum ghadu ma hallasx. Dan il-post jikkonsisti fi tlett ikmamar liema fond ghandu s-servizzi sanitarji u servizzi ta' ilma u lucelettrica*".

Fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 l-appellant sostna li qabel mar joqghod Nru. 16, 'Antoine Garage', Triq l-Istalel, Marsa huwa kien joqghod Nru. 10 Sqaq il-Wied, Qormi, mil-liema fond huwa kellu jitlaq peress li sidu, li ismu ma jiftakrux, ried iwaqqa' l-post u ghalhekk kellu jmur joqghod fi Triq l-Istalel. F'April 2001 huwa mar joqghod f'Nru. 15, Sqaq il-Blata Nru. 2, Qormi". L-appellant ipprezenta kopja ta' rcevuta tal-kera msemmi. Irrizulta wkoll li d-Direttur rega' beda jhallas lill-appellant l-ghajnuna socjali ghall-qaghad b'effett mill-10 ta' Novembru 2000.

B'nota tal-31 ta' Mejju 2001 id-Direttur issottometta illi:-

1. "*Illi l-appellant mar joqghod f'post iehor li huwa 15, Sqaq il-Blata Nru 2, Qormi.*
2. *Illi wara li l-appellant gieb l-informazzjoni mehtiega, id-Direttur laqa' t-talba ta' l-appellant.*
3. *Illi l-appellanti beda jithallas mit-12 ta' April, 2001 jigifieri minn meta mar joqghod fl-indirizz il-gdid.*
4. *Illi l-appellant qed ihallas il-hlas zejjed li thallas minn meta mar joqghod 16, Antoine Garage, Sqaq l-Istalel, Marsa mill-11 ta' Marzu 2000 sal-10 ta' Novembru 2000.*
5. *Illi il-hlas zejjed huwa ta' Lm1072.70."*

Dan l-appell ghalhekk baqa' ghas-sentenza ghall-perjodu bejn il-11 ta' Marzu 2000 u l-10 ta' Novembru 2000.

Min-nota tad-Direttur jirrizulta li l-hlas zejjed qed jintalab ghall-perijodu li l-appellant "mar joqghod f'16 Antoine Garage, Sqaq l-Istalel, Marsa". Ir-residenza tal-appellant f'dan il-post bl-ebda mod ma tiskwalifikah milli jircevi l-assistenza socjali. Id-decizjoni appellata kienet tregi kieku tressqu xi provi li setghu jindikaw li l-appellant f'dak il-perjodu fil-fatt kien qed joqghod f'post iehor fejn il-kap tal-familja kienet persuna ohra. L-ebda prova ta' din ix-xorta ma ngabet u ghalhekk jirrizulta li d-decizjoni appellata ma hiex fondata.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jilqa' dan l-appell."

Mid-decizjoni ta' l-Arbitru appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjali b'dawn l-aggravji:-

i. L-Arbitru nterpreta l-ligi u senjatament l-Art 97 (1)(b) tal-Kap 318 skorrettement meta afferma li "r-residenza tal-appellant f'dan il-post bl-ebda mod ma tiskwalifikah milli jircievi l-assistenza socjali". Huwa jissottometti ukoll illi l-odjern appellat ma gab ebda prova li kien qieghed jghix wahdu u li hu kien qieghed jghix fil-post li hu ddikjara li kien il-fond ta' residenza tieghu.
ii. L-oneru tal-prova tal-abitazzjoni kien jinkombi fuq l-appellant u mhux fuqu, kif invece hekk ippretenda l-Arbitru meta tigi decifrata l-motivazzjoni tas-sentenza.

Hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna illi l-Qorti ta' l-Appell ma tindahalx, hlief f'kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi (**Vol XXXVII pI p56**). Tali principju hu di norma applikabbli anke fil-kazijiet fejn dan l-istess apprezzament isir minn kwalsiasi tribunal iehor jew arbitragg jew minn kull min hu affidat b'ligi bis-setgha li jiddeciedi.

Jokkorru pero` sitwazzjonijiet, u dan huwa wkoll rikonoxxut mill-gurisprudenza, fejn il-Qorti ta' revizjoni hi obbligata tissindika l-apprezzament li jkun sar u anke tasal

ghal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet ghaliha qorti ta' l-ewwel grad jekk tkun konvinta illi altrimenti tkun ser tigi kagunata ingustizzja manifesta ("**Emily Stivala et –vs- George Pace**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000).

Jinhass ghalhekk opportun illi jigu kkunsidrati l-atti u l-antecedenti li wasslu ghas-sentenza biex il-Qorti tkun f'qaghda li tiddelibera ahjar dik il-bazi tal-provi li jirrizultaw mill-atti. Fil-qosor minn dak kaptat minn dawn il-provi jistghu jigu senjalati s-segwenti:-

i. B'avviz datat 16 ta' Novembru 2000 l-appellant informa lill-appellat illi ma kienx ghadu intitolat ghall-ghajnuna socjali ghal dizimpjieg. Dan ghar-raguni li ma kienx sodisfatt illi hu kien qed jghix fl-indirizz provvdut (fol 42).
ii. L-appellat appella lill-Arbitru u esebixxa ukoll fotokopja ta' l-I.D. tieghu (fol 40).
iii. Gie ezebit Investigation Report (fol 37) li kien jindika li l-fond indikat Numru 16, Antoine Garage, Sqaq l-Istalel, Marsa kien jifforma parti minn kumpless ta' stalel u li l-fond kien ad uzu ta' stalla.
iv. L-appellat sostna illi l-garage fejn kien joqghod fil-Marsa selifulu gratis habib tieghu. Dan kif verbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Frar 2001. F'din l-istess seduta jinsab redatt ukoll illi l-inspectors tad-dipartiment kellhom jikkonducu investigazzjonijiet ulterjuri.
v. Fid-differiment li kien imiss tal-kaz l-appellat informa lill-Arbitru li kien mar joqghod f'post bil-kera gewwa Hal-Qormi. Ara verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2001. In vista ta' dan il-fatt gdid l-appellant rega' akkordalu l-ghajnuna socjali b'effett mit-12 ta' April 2001.
vi. Ciononostante l-appellat irritjena li kien ghad baqalu nteress fl-appell minnu propost peress illi d-Dipartiment koncernat kien qed jesigi minn ghandu r-rifuzjoni tal-hlas tal-beneficcji ghall-perijodu bejn il-11 ta' Marzu 2000 u l-10 ta' Novembru 2000.

Fuq l-evalwazzjoni tieghu ta' dawn il-fatti l-Arbitru ghamel dan ir-ragjonament biex jimmotiva l-konkluzjoni tieghu:

(a) Ir-residenza tal-appellat fil-post fuq indikat gewwa l-Marsa ma kienx jiskwalifikah milli jircievi l-assistenza socjali;
(b) Ma tressqet l-ebda prova illi setghet tindika li f'dak il-perijodu (Marzu sa Novembru 2000) l-appellat kien qed joqghod f'lok iehor fejn il-kap tal-familja kienet persuna ohra.

Issa din il-Qorti lesta tikkoncedi bhall-Arbitru illi r-residenza fil-garage tal-Marsa ma kienetx tiskwalifika lill-appellat mid-dritt li jircievi l-ghajnuna socjali. Dan l-argoment pero' jibqa' hekk validu jekk tabilhaqq jigi accertat illi hu fil-fatt kien qed jabita regolarment fih bhala l-uniku residenza tieghu u bhala "kap tal-familja" fil-perijodu ndikat. B'residenza l-Qorti tifhem residenza effettiva f'post b'certu grad ta' kontinwita`, apparti assenzi accidentali jew temporanji, fejn bniedem normalment jorganizza hajtu.

Il-Qorti lesta taccetta wkoll illi gjaladarba kien l-appellant li ddecieda li jwaqqaf l-ghajnuna kien jispetta b'obbligu lilu li jipprova illi l-appellat mhux tassew kien qed jirrisjedi fil-post indikat lilu. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova saret mill-appellant skond kif rifless mir-rizultat tal-investigazzjoni kondotta mill-ufficjali tad-Dipartiment.

Il-Qorti pero` ma tistax taqbel mal-veduta tal-Arbitru illi mbaghad kien jinkombi wkoll lill-appellant illi joqghod jirricerka r-residenza vera tal-appellat. Il-Qorti, ragjonevolment, ma tistax tippretendi l-impossibbli u anzi hi tal-fehma illi gjaladarba l-appellat kien rinfaccjat bil-prova illi l-post minnu indikat ma kienx hlief stalla inabitabbli kien jispetta lilu mbaghad li jgib prova konvincenti illi tabilhaqq dak kien il-fond ta' residenza tieghu. Il-prova biss tal-Identity Card tista' tkun korroborattiva izda mhux necessarjament u esklusivament konklussiva. Dan ma ghamlux u l-fatt li fil-kors tas-smiegh tal-kaz tieghu meta rinfaccjat bil-possibilita` reali ta' investigazzjonijiet ulterjuri, qabad u sab sistemazzjoni gdida thalli certament fil-Qorti sapur ta' habi tal-fatt illi hu kien verament qed jghix fil-post tal-Marsa, kif minnu indikat.

Issa hu minnu illi in forza tal-principju l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah, imma spiss jigri li waqt l-andament tal-kaz jew ta' kawza l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra. Dan fejn jigi stabbilit bhal f'dan il-kaz fatt li juri "prima facie" li t-tezi tad-Direttur li ha d-decizjoni li jwaqqaf l-ghajnuna hi sostenuta. In effetti l-ligi timponi b'obbligu illi l-applikant ghandu jipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u sahansitra xiehda biex isahhah il-jedd tieghu ghall-ghajnuna jew ghall-issoktar taghha (Art 97 (1)(b) tal-Kap 318).

Dan premess hi l-fehma tal-Qorti fuq l-ezami minnha kondott ta' l-atti kollha processwali illi ma giex imnissel fiha dak il-konvinciment morali illi l-provi prodotti, anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali applikabbli, setghu qatt iwasslu ghall-konkluzjoni raggunta mill-Arbitru. Anzi fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet kollha maghmula kuntrarjament ghal dak li rritjena l-Arbitru c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jimmilitaw pjuttost favur it-tezi tal-appellanti milli kontra tieghu. Li jfisser illi l-obbjezzjonijiet sollevati mill-appellant kontra d-decizjoni ta' l-Arbitru qed jigu meqjusa gustifikati.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata, b'dan illi l-ispejjez ghandhom fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------